Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 12 ta' Gunju 2025**

**Kump. Nru. 266/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Audrey Micallef)**

**Versus**

**Michael Scicluna**
**(0253378M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Michael Scicluna,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0253378M.

Akkuzat talli nhar it-28 ta' April 2021 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa Santa Venera u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lil bintu minuri ta' sittax-il sena Maria Scicluna (detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0377404L), imwielda fis-6 ta' Novembru 2004, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, liema reat twettaq ripetutament;

2. Ikkaguna lill-eks mara tieghu, u cioe' Evelyn Micallef, li tigi wkoll omm it-tfal tieghu Darcy Scicluna, Karl Scicluna u Maria Scicluna, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew il-

proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha u dan fil-prezenza tal-minuri Maria Scicluna, liema reat twettaq ripetutament;

U aktar talli fit-28 ta’ April 2021 gewwa Santa Venera:

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ bintu minuri ta’ sittax-il sena Maria Scicluna (detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 0377404L), imwielda fis-6 ta’ Novembru 2004, f’periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq l-istess bintu Maria Scicluna, hekk kif iccertifikata minn Dr Kurt Apap (MD 4233) mill-isptar Mater Dei;

4. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-eks mara tieghu, u cioe’ Evelyn Micallef, li tigi wkoll omm it-tfal tieghu Darcy Scicluna, Karl Scicluna u Maria Scicluna f’periklu car, volontarjament u fil-prezenza tal-minuri Maria Scicluna, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq l-eks mara tieghu l-istess Evelyn Micallef, hekk kif iccertifikata minn Dr Greta Attard (MD 4542) mill-isptar Mater Dei.

5. Hebb ghal bintu minuri ta’ sittax-il sena Maria Scicluna (detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 0377404L) imwielda fis-6 ta’ Novembru 2004, sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmlilha hsara kemm-il darba l-fatt ma waqax taħt xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Hebb ghall-eks mara tieghu u cioe’ Evelyn Micallef li tigi wkoll omm it-tfal tieghu Darcy Scicluna, Karl Scicluna u Maria Scicluna sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara kemm-il darba l-fatt ma waqax taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Ghamel lil bintu minuri ta’ sittax-il sena Maria Scicluna (detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 0377404L) imwielda fis-6 ta’ Novembru 2004, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra fil-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

8. Ghamel lill-eks mara tieghu u cioe’ Evelyn Micallef ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra fil-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Michael Scicluna a beneficcju tal-eks mara tieghu Evelyn Micallef u bintu minuri ta’ sittax-il sena Maria Scicluna u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikoli 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Evelyn Micallef u ghall-persuna tal-minuri Maria Scicluna u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Michael Scicluna b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi Michael Scicluna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-*parte civile* Maria Scicluna u Evelyn Micallef fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2025, iddikjaraw bil-gurament, illi jixtiequ jwaqqfu dawn il-proceduri w irrinunzjaw ghal dak kollu rinunzjabbli u talbu sabiex il-kawza odjerna titwaqqaf.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-6 ta' Mejju 2025, semghat lill-istess Maria Scicluna u Evelyn Micallef, fejn tennew illi huma qed jirrinunzjaw ghal dak kollu rinunzjabbli u qed jitolbu sabiex dawn il-proceduri jitwaqqfu ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward ix-xiehda tal-*parte civile*, fejn l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Audrey Micallef iddikjarat illi m'hemmx ogezzjoni li din il-kawza titwaqqaf ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkunsidrat illi huwa fl-ahjar interess ta' l-istess *parte civile* Maria Scicluna u Evelyn Micallef, kif ukoll ulied il-partijiet illi dawn il-proceduri ma jitkomplewx.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara Procediment Ezawrit.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat